MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Numru. 623/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**KEITH FRENDO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Frendo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 146482 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer fid-9 ta` Mejju, 2010, ghal habta tat-tlieta u nofs ta` filghodu (03:30am) fi Triq San Gorg, San Giljan

u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta` natura gravi fil-gisem ta` Paul Sciberras;

Talli kiser ordni tal-Qorti moghtija nhar 22 ta` Frar, 2010, mill-Magistrat Dr. L. Quintano, LL.D.;

Il-Qorti giet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta` Paul Sciberras jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta` flus li tigi iffissata mill-Qorti.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 218 (1) (b) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------